MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru 623/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Valletta)**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Raymond Pace**
**Paul Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Pace ta’ 49 sena iben Carmel u Giovanna xebba Magro, mwieled Sta Venera nhar 24 ta’ Frar 1959 u residenti No 11 Triq San Gorg Sta Venera u detentur tal-karta ta’ l-identita 178359M u Paul Borg ta’ 21 sena iben Paul u Juliet xebba Aquilina mwieled Qormi nhar 24 ta’ Settembru 1987 u residenti “Madonna ta’ Pinu” Triq in-Nutar Zammit, Attard detentur tal-karta ta’ l-identita 452187M, gew akkuzati:

1 Talli fl-15 ta’ Lulju, 2008, filghodu, fil-Belt Valletta quddiem Kastilja, ffurmaw f’ gemgha ta’ tlett persuni jew aktar jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b’mod tali u taht cirkostanzi tali ta’ vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta’ nies, wiri ta’ armi jew xort’ ohra, li setghu jgibu twerwir u biza’ fost in-nies f’Malta; (**Art 79 tal-Kap 9)**

2 U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, hadu parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikulati, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar. **(Art 68(2) tal-Kap 9)**

3 Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ffurmaw f’parti minn gemgha ta’ tnax il-persuna jew aktar, migmughin flimkien kontra l-ligi bi ksur tal-paci pubblika wara li gew formalment imwissija jew mitlubu minn awtorita’ kompetenti biex jixxerredu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogholhom, baqghu jew issoktaw flimkien kontra l-ligi, f’numru ta’ tnax jew aktar, ghal zmien siegha wara li kienet giet maghmula dik it-twissija pubblika. **(Art 80 tal-Kap 9)**

4 Finalment nakkuzawhom talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhx jew fixkluh waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jsita’ jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew

hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun. **(Art 338 (ee) tal-Kap 9)**

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SCV1 u nnutat li l-imputati m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 17, 79, 68(2), 80 u 338 (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Raymond Pace, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat Raymond Pace ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imsemmi imputat Raymond Pace u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi Raymond Pace ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija u elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1,165) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Raymond Pace jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Issib lill-imputat Paul Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi

kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat Paul Borg ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-eta’ tenera tal-istess imputat Paul Borg u l-fedina penali netta tal-istess imputat Paul Borg u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imsemmi imputat Paul Borg ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1,165) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Paul Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Raymond Pace u Paul Borg l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------